GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 19 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2010 fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Ħaddiema tal-ETC;
5. Fuljett;
6. Tenders;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 18 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

1. Dwar item 2.3 Dwar l-offerta għas-"*Sustainable Energy Action Plan for the locality of Għaxaq*" is-Segretarju qalet li għaddiet t-tenders lill-kumpanija Econoning Engineering Consultancy Ltd., sabiex jevalwawhom.

2. Dwar item 3.1 is-Segretarju giet infurmata li s-siġar jiswew € 100 għax huma siġar ta' madwar 3 metri. Il-Kunsill iddeċieda li ma jieħux l-offerta tal-Gvern.

3. Dwar il-Covenant of Mayors li l-iffirmar tiegħu sar fl-4 ta' Mejju 2010, is-Sindku qal li jrid issir rapport sa Mejju 2011 fejn il-Kunsill irid jirraporta li sa 2020 ikun naqqas l-emmissjoni ta' l-enerġija b'20%.

4. Dwar ir-Rock Cut is-Sur Mario de Marco nfurma lill-Kunsill li l-MEPA marrret riċentment fuq il-post u ħarġet enforcement notice sabiex jieqaf l-operat. Is-Sindku qal li l-avukat kiteb lill-spettur Mercieca u għalhekk nistennew dwar x'se jsir.

5. Dwar il-farm li kien ikkummenta dwaru il-Kunsillier Picco, is-Segretarju kitbet lid-Dipartiment ta' l-Agrikultura u dan id-Dipartiment bagħat persuna li ħadet ir-ritratti tan-numri li għandhom il-baqar u se jiċċekkja ta' min huma.

**Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali nfurmaw li dwar l-applikazzjoni tagħna għall-Memo 18/2010 – Skema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostennibli din ma ġietx aċċettata fl-istess waqt għarrfuna li s-sena li ġejja ser terġa' toħroġ din l-Iskema. Il-Kunsill xtaq ikun jaf ir-raġuni għaliex ma ġietx milqugħa, fejn ukoll ġejna mwieġba.
Għarrfuna wkoll dwar Memo 38/2008 – Skema għall-Enerġija Alternattiva 2009 li l-proġett li għalih ġejna allokati dawn il-fondi jrid jitlesta sa mhux aktar mit-30 ta' Lulju, 2010, jekk dan ma jseħħx il-fondi ser jiġu meħuda.
Mid-Dipartiment xtaqu jkun jafu kemm huwa l-ammont dovut lill-Kunsilli Lokali mingħand il-WSC, fejn din ġiet imwieġba.

Memo 65/2010 dwar Invit għal Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Kulturali Nazzjonali, li ser issir fil-31 ta' Mejju, 2010 bejn l-10.00 u 12.00 dwar l-abbozz tal-politika tal-kultura. Din ser issir Dar il-Mediterran.
Memo 66/2010 dwar Linji Direttivi dwar il-Kumitati Amministrattivi.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmaw li Laqgħa tas-Sindki li kellha ssir fl-14 u l-15 ta' Mejju, 2010, ġiet mħassra, li jista' jkun li ssir fl-24 u l-25 ta' Settembru, li ġej.
Bagħatu wkoll il-Minuti tal-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki li saret fis-26 ta' Frar li għadda.
Mingħand Claudette Abela Baldacchino, fejn infurmat bil-laqgħa tar-Reġjun għas-Sindki li saret fl-10 ta' Mejju, 2010.
Irċevejna wkoll il-programm tal-Konferenza *Cycle for Recycling* li ser issir fid-19 ta' Mejju, 2010, fejn għaliha ser tattendi s-Segretarju Eżekuttiv, fejn ġew infurmati permezz ta' *e-mail.*

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 1422/10 sabiex garaxx jinbidel fi klinika u *store* fi Triq iċ-Ċeppun.
Applikazzjoni Nru. PA 110/10, kostruzzjoni ta' garaxxijiet u *maisonettes* fi Triq il-Pitirross.
Infurmaw ukoll b'xi servizzi ġodda li qed iniedu għall-Kunsilli Lokali bħala parti mir-riforma.

4. Mill-OPM infurmaw li dwar Memo 27/2010 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar ser nibbeneifkaw minnha fl-istess ħin staqsiet jekk l-attivita' tistax issir fil-*ground* , fl-4 ta' Ġunju, 2010, bejn is-2:00 p.m. u t-3:00 p.m. Ġie deċiż li s-Segretarju jikkuntattja lis-Sur Joe Mifsud President tal-MFA biex naraw jekk l-MFA issibx oġġezzjoni li din l-attivita' issir fil-grawnd minħabba li dan għadu ma ġiex inawgurat.
Mill-OPM rċevejna dwar x'ilmenti minn residenti taż-żona tal-*Housing Estate*, fejn qed isir xogħol ta' toroq minn naħa tal-Kunsill, fejn xtaq ikun jaf għaliex qed indumu sabiex dawn jitlestew, fejn is-Sindku wieġeb li dan id-dewmien sar minħabba xi ntoppi li r-riżultaw meta nqalgħu t-toroq li ma kellniex kontroll fuqhom. Meta bdew biex jagħmlu t-toroq sabu li kien hemm mains ta' l-ilma li riedu jinbidlu kif ukoll tappieri li riedu jinbnew mill-ġdid. Minħabba dawn il-problemi x-xogħol ħa aktar żmien.

10. Mingħand Schembri Barbros fejn infurmawna li r-rata tagħhom hija ta' € 35 mingħajr VAT għal kull toqba li trid titħaffer fi Triq il-Belt Valletta minħabba tal-festa. Is-Sindku qal li għandu kwotazzjonijiet oħra li huma anqas minn din l-offerta.

11. Mill-Kumitat Konġunt taż-Żejtun, fejn għandna l-Minuti, ir-Rapport ta' Marzu u April, 2010 u wkoll l-Iskeda tal-Ħlasijiet.

12. Mill-MEUSAC fejn bagħatu l-applikazzjonijiet għas-sejħiet ta' l-ERDF u l-ESF, fejn dawn ġew mimlija u mibgħuta fiż-żmien rikjest.

13. Mingħand l-Ing. Scerri ta' l-Econing Group fejn xtaq xi tagħrif fuq Tender tal-PV sabiex issir evalwazzjoni korretta fuq din l-offerta.
Bagħat ukoll formola ta' informazzjoni dwar SEAP.

14. Mingħand l-avukat Dr. Busuttil, fejn bagħat xi ħlasijiet pendenti li għandna miegħu u wkoll il-korrispondenza li kien hemm ma' l-Ispettur Mercieca rigward l-Impjant tar-Rockcut.

15. Mingħand Schembri Infrastructures Ltd. fejn bagħatu żewġ kontijiet għal *resurfacing* ta' toroq li saru. Sar qbil li wara li l-Perit tal-Kunsill jiċċertifika li x-xogħol sar tajjeb dawn il-kontijiet jitħallsu.

16. Mingħand Silvio Schembri tal-GAL Xlokk, fejn informa li ser isir laqgħa fil-11 ta' Mejju, 2010, li għaliha attenda s-Sindku fejn qal li din il-laqgħa kienet iktar indirizzata għal bdiewa.
Infurma wkoll dwar posponiment ta' laqgħa li kellha ssir fis-7 ta' Mejju fejn minflok ser isir fl-20 ta' dan ix-xahar.

21. Mingħand is-Sur A. Zammit A/Direttur Ħabs ta' Kordin, fejn infurmana li ser jirrispondina fil-ġranet li ġejjin fir-rigward tal-ħabsi Ninu Zammit sabiex dan ikun jista' jagħmel xogħol fil-lokal.

22. Mill-Qorti nfurmaw lis-smiegħ tal-Kawża ta' Dr. Sammut kontra Kumitat Konġunt ser isir fil-5 ta' Ottubru, 2010.

23. Mill-MEUSAC infurmaw li ser issir '*Open Consultation Session on Biowaste Management and Ambient Air Quality*', fil-21 ta' Mejju, 2010, anness dokumenti.

4. **Ħaddiema tal-ETC**

Wara diskussjoni dwar il-ħaddiema li ġew assenjati mall-Kunsill mill-ETC, is-Sinjura Agius qalet li dawn il-ħaddiema ħafna drabi jkunu bilqegħda iħarsu w ma jagħmlu xejn. Qalet ukoll li hemm ħafna xogħol xi jsir, is-siġar għandhom il-ħaxix ma dwarhom u l-ħamrija tista' tingħażaq ukoll. Qalet ukoll li dawn qegħdin jitħallsu minn flus flok għaddejjin lill-Kunsill. Qalet li rħula oħra jagħmlu ħafna xogħol b'nies bħal dawn.

Is-Sindku qal li hu jiddelegalhom xogħol u dawn jagħmluh, qal ukoll li n-nies tal-madwar il-Ġnien 2000 iffaħħruhom lil dawn il-ħaddiema.

5. **Fuljett**

Dwar il-fuljett, il-Kunsillier Picco qal li l-matrjal inġabar kollu u ser jittieħed għand il-printer. Staqsa jekk idaħħalx survey fil-fuljett. Ġie suġġerit li dan is-Survey jiġi mdaħħal fill-fuljett waħdu minħabba li dan ikun irid jiġi jrritornat bl'informazzjoni mitluba mingħand ir-residenti. Dan is-Survey ser jkopri ukoll l-e-mail u n-numru tal-mobile ta' min ikun interessat li jirċievi nformazzjoni mingħand il-Kunsill.

6. **Tenders**

Waqt il-laqgħa infetħu t-tenders li kienu rċieva l-Kunsill:

**a. *Provision and Cleanliness of Skips – Tender* GhLC02/10** Il-Viċi Sindku qal li għal din l-offerta waslet waħda biss. Din kienet mingħand Michael Darmanin li jirrapreżenta l-*Cleanaway Services*. Dan ikkwota €38,325 fis-sena iżda l-Kunsill irid iħallas il-*fee* biex jintrema li skart kif spjegat f'Appendiċi 1.

b. ***Collection of Mixed and Separted Recycable Household Waste – Tender GhLC03/10 .*** Il-Viċi Sindku qal li għal din l-offerta waslu 2 offerti. Dawn kienu mingħand:

Is-Sur Wilson Mifsud u s-Sur Michael Darmanin li jirrapreżenta lil-*Cleanaway Services.* L-Offferti tagħhom kienu kif spjegati f' Appendiċi 2.

**c.** ***Collection of Bulky Refuse – Tender GhLC04/10.*** Il-Viċi Sindku qal li għal din l-offerta waslu 8 offerti. Dawn kienu mingħand:

1. Twanny Barun – 2. Glenn Dalli Hili u Karl de Flavia – 3. Wilson Mifsud – 4. Ronald u Christopher Bezzina – 5. Charles Zammit Direttur, Cleansing Services Department – 6. John Micalef – 7. Emanuel Mizzi – 8. Brian Cardona o.b.o. Electrowaste. L-offerti tagħhom kienu skond Appendiċi 3.

**d.** ***Services and Maintenance of TrafficSigns and Road Markings – Tender GhLC 05/10.*** Il-Viċi Sindku qal li għal din l-offerta waslet offerta waħda mingħand:

Koperattiva tabelli u sinjali offerta ta' €465 Appendiċi 4.

**e.** ***Street Sweeping and Cleaning – Tender GhLC 06/10***
Il-Viċi Sindku qal li għal din l-offerta waslu 5 offerti. Dawn kienu mingħand:-
1. Charles Zammit
2. Ronald & Christopher Bezzina
3. Wilson Mifsud
4. Glenn Dalli Hili
5. Jason Gatt

L-Offerti tagħhom kienu skond Appendiċi 5

**f.** ***Cleaning and Upkeep of Public Convenience – Tender GhLC 07/10***

Il-Viċi Sindku qal li għal din l-offerta waslu 3 offerti. Dawn kienu mingħand:-
1. Felicita Grech
2. John Caruana
3. Karl De Flavia

L-Offerti kienu skond Appendiċi 6.

**7. Part-time Clerk**

Is-Segretarju qalet li l-part-time clerk is-Sinjura Rita Said marret taħdem f'Kunsill ieħor għax hu aktar qrib tad-dar tagħha. Is-Sindku qal li s-Sinjura Said qalet li ma setgħetx taqbad art fix-xogħol tagħha.

Is-Segretarju qalet li hi ser tibda tidħol is-Sibt iżda tieħu ġurnata fost il-ġimgħa sakemm tinstab part-timer oħra jew ieħor. Il-Kunsill qabel.

7. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sindku qal li għandu tlett offerti biex jitħaffru l-ħofor li ser isiru fi Triq il-Belt Valletta. Dawn huma mingħand:
   Angelo Schembri ta' €849.60 VAT inkluża għal
   Bugeja & Bugeja ta' €1239.00 VAT inkluża
   Schembri Barbros ta' €35 għal kull toqba VAT eskluża.

   Il-Kunsill qabel li jagħżel ta' Angelo Schembri għax din kienet l-irħas.

2. Il-Kunsillier Attard qal li jkun gwadan għall-Kunsill jekk naplikaw għad-devoluzzjoni tal-grawnd il-kbir. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li jeħtieġ ninfurmaw l-ADT li ser tingħalaq it-Triq Valleta minn nhar il-Ħamis sat-Tlieta qabel u wara il-festa.

8. **Aġġornament**

Is-Sindku fl- 4.00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar il-Hamis 10 ta' Gunju 2010

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati:- Il-Hamis 10 ta' Gunju 2010